DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/614

tad-9 ta' April 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ([1]) ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni fl-20 ta' Diċembru 2018 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.

(2) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura li l-Ftehim jopera kif suppost u b'mod effettiv u jistipula li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni.

(3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(4) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż l-annessi, kif mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' April 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

([1]) ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2019 TAL- KUMITAT KONĠUNT SKONT IL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN GĦAL SĦUBIJA EKONOMIKA

ta' …

dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, iffirmat f'Tokyo fis-17 ta' Lulju 2018, u b'mod partikolari l-Artikoli 21.6 (2), 21.30 u 22.1(1), (2) u (4) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Ir-Regoli ta' Proċedura Interni tal-Kumitat Konġunt huma stabbiliti kif stipulat fl-Anness I.
2. Ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel huma stabbiliti kif stipulat fl-Anness II.
3. Il-Proċedura ta' Medjazzjoni hija stabbilita kif stipulat fl-Anness III.
4. Il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri huwa stabbilit kif stipulat fl-Anness IV.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi … nhar …

Għall-Kumitat Konġunt

Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ġappun *Rappreżentant tal-UE*

ANNESS I

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT SKONT IL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN GĦAL SĦUBIJA EKONOMIKA

Artikolu 1

Kompożizzjoni u Presidenza

1. Il-Kumitat Konġunt li huwa stabbilit permezz tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (minn issa 'l quddiem jissejjaħ "il-Ftehim") ser iwettaq id-dmirijiet tiegħu kif previst fl-Artikolu 22.1 tal-Ftehim u ser ikun responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-operat ġenerali tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt ser ikun kompost mir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tal-Ġappun u, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim, ser ikun kopresedut mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ u mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ġappun.

3. Il-kopresidenti jistgħu jkunu rrappreżentati mid-delegati rispettivi tagħhom kif previst fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim. Kwalunkwe referenza sussegwenti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għall-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt trid tinftiehem li tinkludi d-delegati tagħhom.

4. Il-kopresidenti jistgħu jiġu akkumpanjati minn uffiċjali. Il-listi tal-uffiċjali li jattendu l-laqgħa għal kull Parti ser jiġu skambjati permezz tal-Punti ta' Kuntatt qabel il-laqgħa.

5. Bi qbil reċiproku, il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li jistiednu lil osservaturi jew lil esperti indipendenti fuq bażi ad hoc.

Artikolu 2

Punti ta' Kuntatt

1. Il-Punti ta' Kuntatt dežinjati skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 22.6 tal-Ftehim (minn issa 'l quddiem jissejħu "l-Punti ta' Kuntatt") jikkoordinaw il-preparazzjoni u l-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.

2. L-iskambji kollha ta' korrispondenza u komunikazzjonijiet bejn il-Partijiet fir-rigward tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt u l-laqgħat tiegħu ser jitwettqu permezz tal-Punti ta' Kuntatt skont is-subparagrafu 2(c) tal-Artikolu 22.6 tal-Ftehim.

3. Il-Punti ta' Kuntatt ser ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-aġenda provviżorja, tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet u tal-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll għall-korrispondenza u għall-komunikazzjoni bejn il-Kumitat Konġunt u l-kumitati speċjalizzati, il-gruppi ta' ħidma u korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Aġenda

1. Ser titfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa b'mod konġunt mal-Punti ta' Kuntatt u, flimkien mad-dokumenti rilevanti, tingħadda lill-parteċipanti tal-Kumitat Konġunt mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

2. Kull waħda mill-Partijiet tista' tipproponi punti għall-aġenda mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

3. Il-Partijiet jistgħu, bi qbil reċiproku, inaqqsu l-perijodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 biex jitqiesu r-rekwiżiti ta' każ partikolari.

4. L-aġenda ser tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt fil-bidu tal-laqgħa tiegħu. Aspetti oħra barra minn dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan.

Artikolu 4

Lingwa ta' Ħidma

Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-korrispondenza u l-komunikazzjonijiet kollha bejn il-Partijiet fir-rigward tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll il-preparazzjoni ta' u d-deliberazzjonijiet dwar deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet ser isiru bl-Ingliż.

Artikolu 5

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt, skont l-Artikolu 22.2 tal-Ftehim, ser jittieħdu b'kunsens. Dawn jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub bl-iskambju ta' noti bejn il-Kopresidenti tal-Kumitat.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt ser jiġu assenjati numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni u titlu li jirreferi għas-suġġett tagħhom.

Artikolu 6

Minuti Konġunti

1. Bħala regola ġenerali, l-abbozz tal-minuti konġunti ser jinkludi l-aġenda finali u sommarju tad-diskussjonijiet taħt kull punt tal-aġenda.

2. L-abbozzi tal-minuti konġunti ta' kull laqgħa ser jitfasslu mill-Punti ta' Kuntatt, mill-aktar fis iżda mhux aktar tard minn 60 jum mid-data tal-laqgħa.

3. L-abbozzi tal-minuti konġunti ser jiġu approvati bil-miktub mill-Partijiet mill-aktar fis mhux aktar tard minn 70 jum mid-data tal-laqgħa. Ladarba jiġu approvati, il-Punti ta' Kuntatt jiffirmaw żewġ kopji tal-minuti u kull Parti tirċievi kopja oriġinali waħda ta' dawn id-dokumenti. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

Artikolu 7

Pubblikità u Kunfidenzjalità

1. Sakemm fil-Ftehim ma jiġix speċifikat mod ieħor jew il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt mhumiex ser ikunu miftuħa għall-pubbliku.

2. Meta Parti tissottometti informazzjoni meqjusa bħala kunfidenzjali jew protetta mid-divulgazzjoni skont il-liġijiet tagħha u r-regolamenti tal-Kumitat Konġunt jew kwalunkwe kumitat speċjalizzat, grupp ta' ħidma jew korp ieħor stabbilit skont il-Ftehim, il-Parti l-oħra tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali kif previst fl-Artikolu 1.6 tal-Ftehim.

3. Kull Parti tista' tagħmel pubblika bi kwalunkwe mezz xieraq l-aġenda ffinalizzata bejn il-Partijiet qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, il-minuti konġunti approvati mfassla skont l-Artikolu 6, skont l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' hawn fuq. Kull Parti tiżgura li d-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jiġu ppubblikati.

Artikolu 8

Spejjeż

Kull Parti trid tħallas kwalunkwe spiża li ġġarab minħabba l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. L-ispejjeż fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-laqgħat ser iġġarrabhom il-Parti li torganizza l-laqgħa. Fil-każ ta' laqgħa li sseħħ barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ġappun, il-Partijiet jiddeċiedu b'kunsens reċiproku dwar ir-responsabbiltajiet għall-ispejjeż imġarrba għall-organizzazzjoni tal-laqgħa permezz ta' kunsens reċiproku.

ANNESS II

REGOLI TA' PROĊEDURA TA' PANEL

Fil-proċeduri tal-panel fit-Taqsima C tal-Kapitolu 21, (Soluzzjoni ta' Tilwim) tal-Ftehim, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

I. **Definizzjonijiet**

1. F'dawn ir-Regoli ta' Proċedura:

   (a) "persunal amministrattiv", fir-rigward ta' arbitru, tfisser persuni li jaqgħu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-arbitru, ħlief l-assistenti;

   (b) "konsulent" tfisser persuna miżmuma minn Parti biex tagħti pariri jew tassisti lil dik il-Parti għall-finijiet tal-proċedura tal-panel, minbarra rappreżentanti ta' dik il-Parti;

   (c) "Ftehim" tfisser il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika;

   (d) "arbitru" tfisser membru ta' panel;

   (e) "assistent" tfisser persuna li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lil dak l-arbitru;

   (f) "Kodiċi tal-Kondotta" tfisser il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri msemmija fl-Artikolu 21.30 tal-Ftehim;

   (g) "Parti li tressaq l-ilment" tfisser il-Parti li titlob l-istabbiliment ta' panel skont l-Artikolu 21.7 tal-Ftehim;

   (h) "jiem" tfisser jiem kalendarji;

   (i) "panel" tfisser panel stabbilit skont l-Artikolu 21.7 tal-Ftehim;

   (j) "Parti li jsir ilment fil-konfront tagħhaż tfisser il-Parti li jsir ilment kontriha quddiem panel skont l-Artikolu 21.7 tal-Ftehim;

   (k) "proċedimenti tfisser il-proċedimenti tal-panel; u

   (l) "rappreżentant" fir-rigward ta' Parti tfisser uffiċjal jew kwalunkwe persuna oħra ta' dipartiment tal-gvern jew aġenzija jew kwalunkwe entità pubblika oħra ta' Parti u persunal ieħor, li l-Parti tinnomina bħala r-rappreżentant tagħha għall-proċedimenti tal-panel.

II. **Ħatra ta' arbitri**

2. L-uffiċċju ddeżinjat mill-Parti li tressaq l-ilment skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.25 tal-Ftehim għandu jkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-votazzjoni msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Artikolu 21.8 tal-Ftehim, u għandu jinforma lill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt, minn qabel, dwar id-data, il-ħin u l-post tal-votazzjoni. Il-kopresident mill-Parti li jsir l-ilment fil-konfront tagħha jista' jkun preżenti jew ikun irrappreżentat minn persuna oħra meta ssir il-votazzjoni. Ir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet jistgħu jkunu preżenti wkoll. F'kull każ, il-votazzjoni ssir bil-Parti jew bil-Partijiet li jkunu preżenti.

3. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw bil-miktub lil kull individwu li jkun intgħażel biex iservi ta' arbitru skont l-Artikolu 21.8 tal-Ftehim bil-ħatra tiegħu. Kull individwu għandu jikkonferma d-disponibbiltà tiegħu liż-żewġ Partijiet fi żmien ħamest ijiem mid-data li fiha jkun ġie infurmat bil-ħatra tiegħu.

III. **Laqgħa organizzattiva**

4. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-Partijiet għandhom jiltaqgħu mal-panel fi żmien sebat ijiem mid-data tat-twaqqif tal-panel sabiex jiddeterminaw dawk il-materji li l-Partijiet jew il-panel iqisu xierqa, inklużi:

   (a) ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż li jitħallsu lill-arbitri li għandhom ikunu konformi mal-istandards tad-WTO;

(b) ir-remunerazzjoni li għandha titħallas lill-assistenti. L-ammont totali tar-remunerazzjoni għall-assistent jew għall-assistenti ta' kull arbitru ma għandux jaqbeż il-50 % tar-remunerazzjoni ta' dak l-arbitru, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor; u

(c) l-iskeda ta' żmien għall-proċedimenti, li għandha tiġi stabbilita abbażi taż-żona tal-ħin tal-Parti li jsir l-ilment fil-konfront tagħha.

L-arbitri u r-rappreżentanti tal-Partijiet biss li jkunu uffiċjali jew persuni oħra ta' dipartiment jew aġenzija tal-gvern jew kwalunkwe entità pubblika oħra, jistgħu jipparteċipaw f'din il-laqgħa fiżikament jew permezz ta' konferenza bit-telefon jew bil-vidjo.

IV. **Notifiki**

5. Kwalunkwe talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument trażmess:

(a) mill-panel għandha tintbagħat liż-żewġ Partijiet fl-istess ħin;

(b) minn Parti lill-panel għandha tiġi kkuppjata lill-Parti l-oħra fl-istess ħin; u

(c) minn Parti lill-Parti l-oħra għandha tiġi kkuppjata lill-panel fl-istess ħin, kif xieraq.

Kwalunkwe dokument imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jiġi kkuppjat fl-istess ħin lill-korp estern imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.25 tal-Ftehim, fejn rilevanti.

6. In-notifika lil Parti ta' kwalunkwe dokument imsemmi fil-paragrafu 5 għandha tiġi indirizzata lill-uffiċċju ddeżinjat minn dik il-Parti skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.25 tal-Ftehim.

7. Kwalunkwe notifika msemmija fil-paragrafu 5 għandha ssir b'email jew, fejn xieraq, b'mezzi oħra ta' telekomunikazzjoni li jipprovdu rekord tal-bgħit tagħha. Sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, tali notifika għandha titqies bħala li ġiet irċevuta fid-data tal-bgħit tagħha.

8. Żbalji minuri ta' natura klerikali f'talba, notifika, sottomissjonijiet bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċedimenti tal-panel jistgħu jiġu kkoreġuti bil-preżentazzjoni ta' dokument ġdid li jindika l-bidliet b'mod ċar.

9. Jekk l-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dokument ikun jum ta' vaganza legali tal-Ġappun jew tal-Unjoni Ewropea jew fi kwalunkwe jum ieħor li fih l-uffiċċji tal-Gvern ta' Parti jkunu magħluqin b'mod uffiċjali jew b'*force majeure*, id-dokument għandu jitqies li jkun ġie riċevut fil-jum tax-xogħol li jkun imiss. Fil-laqgħa organizzazzjonali msemmija fil-paragrafu 4, kull Parti għandha tissottometti lista tal-jiem ta' vaganza legali tagħha u kwalunkwe jum ieħor li fih l-uffiċċji tagħhom ikunu magħluqa b'mod uffiċjali. Kull Parti għandha żżomm il-lista tagħha aġġornata matul il-proċedura tal-panel.

V. **Sottomissjonijiet bil-miktub**

10. Il-Parti li tressaq l-ilment għandha tippreżenta s-sottomissjoni tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-panel. Il-Parti li jkun tressaq l-ilment fil-konfront tagħha għandha tippreżenta l-kontrosottomissjoni bil-miktub tagħha mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-irċevuta tas-sottomissjoni bil-miktub tal-Parti li tressaq l-ilment.

VI. **Operat tal-panel**

11. Il-president tal-panel għandu jippresiedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Panel jista' jiddelega lill-awtorità tal-president biex tagħmel deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.

12. Sakemm fil-Kapitolu 21 tal-Ftehim jew f'dawn ir-Regoli ma jiġix previst mod ieħor, il-panel jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mod, inkluż bit-telefon, permezz ta' trażmissjonijiet bil-faks jew links tal-kompjuter.

13. F'każ ta' kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mill-Kapitolu 21 tal-Ftehim, dawn ir-Regoli jew il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri imsemmija fl-Artikolu 21.30, il-panel, wara li jikkonsulta mal-Partijiet, jista' jadotta proċedura xierqa li tkun kompatibbli ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

14. Il-panel fi kwalunkwe ħin jista' jimmodifika perijodu barra mill-perijodu ta' żmien stabbilit fil-Kapitolu 21 tal-Ftehim u jagħmel kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv fil-proċedimenti wara li jikkonsulta mal-Partijiet. Meta l-panel jikkonsulta mal-Partijiet, għandu jinforma lill-Partijiet bil-miktub bil-modifika jew l-aġġustament proposti u r-raġuni għalihom.

VII. **Seduti ta' smigħ**

15. Abbażi tal-iskeda ta' żmien iddeterminata skont il-paragrafu 4, wara li jikkonsulta mal-Partijiet u mal-arbitri l-oħra, il-president tal-panel għandu jiddetermina d-data u l-ħin tas-seduta ta' smigħ.

16. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-Parti li fiha sseħħ is-seduta ta' smigħ skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.15 tal-Ftehim għandha:

    (a) tiddetermina l-post tas-seduta ta' smigħ u tinforma lill-president tal-panel b'dan; u

    (b) tkun responsabbli għall-amministrazzjoni loġistika tas-seduta ta' smigħ.

17. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, u mingħajr ħsara għall-paragrafu 46, il-Partijiet għandhom jaqsmu l-ispejjeż derivati mill-amministrazzjoni loġistika tas-seduta ta' smigħ.

18. Il-president tal-panel għandu jinnotifika bil-miktub fiż-żmien dovut lill-Partijiet, u fejn rilevanti lill-korp estern imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.25 tal-Ftehim, id-data, il-ħin u l-post tas-seduta ta' smigħ. Din l-informazzjoni għandha ssir pubblikament disponibbli mill-Parti fejn isseħħ is-seduta ta' smigħ jew, fejn rilevanti, mill-korp estern imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.25 tal-Ftehim, sakemm is-seduta ta' smigħ ma tkunx magħluqa għall-pubbliku.

19. Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li jkun hemm seduta ta' smigħ waħda biss. Jekk it-tilwim ikun jinvolvi kwistjonijiet ta' kumplessità eċċezzjonali, il-panel jista' jlaqqa' flimkien seduti ta' smigħ addizzjonali fuq inizjattiva tiegħu stess jew, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, wara li jikkonsulta mal-Partijiet. Għal kull waħda mis-seduti ta' smigħ addizzjonali, il-paragrafi 15 sa 18 japplikaw *mutatis mutandis*.

20. L-arbitri kollha għandhom ikunu preżenti matul is-seduta ta' smigħ kollha.

21. Il-persuni li ġejjin jistgħu jattendu s-seduta ta' smigħ, irrispettivament minn jekk is-seduta ta' smigħ tkunx miftuħa għall-pubbliku jew le:

    (a) rappreżentanti tal-Partijiet;

    (b) konsulenti;

    (c) assistenti u persunal amministrattiv;

    (d) interpreti, tradutturi u korrispondenti tal-qorti tal-panel; u

    (e) esperti, kif deċiż mill-panel skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.17 tal-Ftehim.

22. Mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel id-data ta' seduta tas-smigħ, kull Parti għandha tagħti lill-panel lista bl-ismijiet ta' dawk il-persuni li jkunu sejrin jagħmlu argumenti orali jew preżentazzjonijiet matul is-seduta ta' smigħ f'isem dik il-Parti, u ta' rappreżentanti jew konsulenti oħrajn li jkunu sejrin jattendu s-seduta ta' smigħ.

23. Il-panel għandu jmexxi s-seduta ta' smigħ b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-Parti li tressaq l-ilment u l-Parti li jitressaq l-ilment fil-konfront tagħha jingħataw l-istess ħin kemm fl-argument kif ukoll fil-kontroargument:

    Talba

    (a) l-argument tal-Parti li tressaq l-ilment; u

    (b) l-argument tal-Parti li jitressaq l-ilment fil-konfront tagħha.

    Kontroargument

    (a) ir-risposta tal-Parti li tressaq l-ilment; u

    (b) il-kontrorisposta tal-Parti li jsir l-ilment fil-konfront tagħha.

24. Il-panel jista' jindirizza mistoqsijiet lil kwalunkwe waħda mill-Partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-seduta ta' smigħ.

25. Il-panel għandu jara li titħejja traskrizzjoni tas-seduta ta' smigħ u li din tiġi ppreżentata lill-Partijiet mill-aktar fis wara s-seduta ta' smigħ. Il-Partijiet jistgħu jikkummentaw dwar it-traskrizzjoni, u l-panel jista' jqis dawk il-kummenti.

26. Kull Parti tista' tippreżenta sottomissjoni supplimentari bil-miktub rigward kwalunkwe materja li tkun tqajmet matul is-seduta ta' smigħ fi żmien 10 ijiem mid-data tas-seduta ta' smigħ.

VIII. **Deliberazzjonijiet**

27. L-arbitri biss jistgħu jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tal-panel. Minkejja s-sentenza preċedenti, il-panel jista' jippermeti li l-assistenti jkunu preżenti matul id-deliberazzjonijiet tiegħu.

IX. **Mistoqsijiet bil-miktub**

28. Fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti, il-panel jista' jissottometti mistoqsijiet bil-miktub lil waħda mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kwalunkwe mistoqsija sottomessa lil waħda mill-Partijiet għandha tiġi kkupjata lill-Parti l-oħra.

29. Kull Parti għandha tipprovdi wkoll lill-Parti l-oħra b'kopja tar-risposti tagħha għall-mistoqsijiet tal-panel. Kull Parti għandha tingħata opportunità li tipprovdi kummenti bil-miktub dwar ir-risposta tal-Parti l-oħra fi żmien ħamest ijiem mill-irċevuta ta' tali kopja.

X. **Sostituzzjoni tal-arbitri**

30. Għas-sostituzzjoni ta' arbitru skont l-Artikolu 21.11 tal-Ftehim, l-Artikolu 21.8 japplika *mutatis mutandis*.

31. Meta Parti tqis li arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta u għal din ir-raġuni jenħtieġ li jiġi sostitwit, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum minn meta tkun kisbet biżżejjed evidenza tal-falliment tal-arbitru li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta.

32. Meta Parti tqis li arbitru minbarra l-President ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jagħżlu arbitru ġdid skont il-paragrafu 30.

Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li l-arbitru jinbidel, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-materja tiġi riferuta lill-president tal-panel, li d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun finali.

Jekk, skont din it-talba, il-president isib li l-arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta, l-arbitru l-ġdid għandu jintgħażel skont il-paragrafu 30.

33. Jekk Parti tqis li l-president tal-panel ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jagħżlu president ġdid skont il-paragrafu 30.

Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar il-bżonn li jinbidel il-president, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-materja tiġi riferuta liż-żewġ arbitri li jifdal. L-arbitri għandhom jiddeċiedu, mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tal-preżentazzjoni tat-talba, jekk hemmx bżonn li l-president tal-panel jinbidel. Id-deċiżjoni mill-arbitri dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president għandha tkun finali.

Jekk l-arbitri jiddeċiedu li l-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta, jintgħażel president ġdid skont il-paragrafu 30.

34. Il-proċedimenti għandhom jiġu sospiżi għall-perijodu ddedikat biex jitwettqu l-proċeduri previsti fil-paragrafi 30 sa 33.

XI. **Kunfidenzjalità**

35. Meta parti tissottometti verżjoni kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet tagħha bil-mikub lill-panel, fuq talba tal-Parti l-oħra u fi żmien 20 jum mid-data tat-talba, din għandha tipprovdi wkoll verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet li jistgħu jiġu ddivulgati lill-pubbliku. F'dawn ir-regoli ma hemm xejn li jipprekludi lil Parti milli tiddivulga s-sottomissjonijiet tagħha lill-pubbliku sakemm ma tiddivulgax informazzjoni dežinjata mill-Parti l-oħra bħala kunfidenzjali. Il-panel għandu jiltaqa' f'sessjoni magħluqa jekk is-sottomissjonijiet u l-argumenti ta' Parti jkun fihom informazzjoni kunfidenzjali. Il-panel u l-Partijiet għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduta ta' smigħ tal-panel meta s-seduta ta' smigħ issir f'sessjoni magħluqa.

XII. **Kuntatti *ex parte***

36. Il-panel ma għandux jiltaqa' jew jikkomunika ma' Parti fl-assenza tal-Parti l-oħra.

37. Arbitru ma għandu jiddiskuti l-ebda aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti jew maż-żewġ Partijiet fin-nuqqas tal-arbitri l-oħra.

XIII. **Sottomissjonijiet *Amicus curiae***

38. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien tlett ijiem mid-data tal-istabbiliment tal-panel, il-panel jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mhux mitluba mingħand persuni msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 21.17 tal-Ftehim u li jkunu indipendenti mill-gvernijiet tal-Partijiet, sakemm is-sottomissjonijiet jaslu fi żmien 10 ijiem mid-data tal-istabbiliment tal-panel.

39. Is-sottomissjonijiet għandhom ikunu konċiżi u qatt ma għandhom ikunu itwal minn 15-il paġna bi spazji doppji, u għandhom ikunu rilevanti direttament għal kwistjoni fattwali jew legali meqjusa mill-panel. Is-sottomissjonijiet għandu jkun fihom deskrizzjoni tal-persuna li tipprovdi s-sottomissjonijiet inkluż:

    (a) għal persuna fiżika, in-nazzjonalità tagħha; u

    (b) għal persuna ġuridika, il-post ta' stabbiliment tagħha, in-natura tal-attivitajiet tagħha, l-istatus legali tagħha, l-objettivi ġenerali tagħha u s-sors ta' finanzjament tagħha.

    Fis-sottomissjonijiet tagħha, kull persuna għandha tispeċifika l-interess li għandha fil-proċedimenti. Is-sottomissjonijiet għandhom jiġu abbozzati bil-lingwi magħżula mill-Partijiet skont il-paragrafi 42 u 43 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

40. Fir-rapport tiegħu, il-panel għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva skont il-paragrafi 38 u 39. Fir-rapport tiegħu, il-panel mhuwiex obbligat jindirizza l-argumenti li jkunu saru f'tali sottomissjonijiet. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu pprovduti lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom. Il-kummenti lill-Partijiet li jkunu ġew sottomessi lill-panel fi żmien 10 ijiem għandhom jitqiesu mill-panel.

XIV. **Każijiet urġenti**

41. F'każijiet ta' urġenza msemmija fil-Kapitolu 21 tal-Ftehim, il-panel, wara li jikkonsulta mal-Partijiet, għandu jaġġusta l-perijodi ta' żmien imsemmija f'dawn ir-Regoli, kif xieraq. Il-panel għandu jinnotifika lill-Partijiet b'tali aġġustamenti.

XV. **Lingwa u traduzzjoni**

42. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21.5 tal-Ftehim, u mhux aktar tard miż-żmien tal-laqgħa organizzazzjonali msemmija fil-paragrafu 4, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-panel. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra, mhux aktar tard minn 90 jum wara l-adozzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura mill-Kumitat Konġunt skont il-paragrafu 4(f) tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim, lista ta' lingwi li għalihom ikollha preferenza. Il-lista għandha tinkludi mill-anqas lingwa ta' ħidma waħda tad-WTO.

43. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni, kull parti għandha tagħmel is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha bil-lingwa tal-għażla tagħha, filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi traduzzjoni għal waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO nnotifikati mill-Parti l-oħra skont il-paragrafu 42, meta jkun xieraq. Il-Parti responsabbli mill-organizzazzjoni tas-seduta ta' smigħ orali għandha tagħmel arranġamenti għal sottomissjonijiet orali għall-istess lingwa ta' ħidma tad-WTO, meta jkun xieraq.

44. Ir-rapport interim u finali tal-panel għandu jinħareġ bil-lingwa ta' ħidma komuni. Jekk il-Partijiet ma jkunux qablu dwar lingwa ta' ħidma komuni, ir-rapport interim u finali tal-panel għandu jinħareġ bil-lingwi ta' ħidma tad-WTO imsemmija fil-paragrafu 43.

45. Parti tista' tipprovdi kummenti dwar il-preċiżjoni tat-traduzzjoni ta' kwalunkwe verżjoni tradotta ta' dokument imfassal skont dawn ir-regoli.

46. F'każ li tkun meħtieġa traduzzjoni jew interpretazzjoni ta' sottomissjonijiet bil-miktub jew orali ta' Parti fil-lingwa ta' ħidma rilevanti tad-WTO, dik il-Parti għandha ġġarab l-ispejjeż tagħha.

ANNESS III

PROĊEDURA TA' MEDJAZZJONI

I. **Objettiv**

1. L-objettiv tal-proċedura ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 21.6 tal-Ftehim, kif previst f'dan id-dokument, huwa li jiffaċilita s-sejbien ta' soluzzjoni li jintlaħaq qbil fuqha b'mod reċiproku permezz ta' proċedura komprensiva u rapida bl-assistenza ta' medjatur.

II. **Definizzjonijiet**

2. Għall-finijiet ta' dan id-dokument:

   (a) "Ftehim" tfisser il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika;

   (b) "Kodiċi tal-Kondotta" tfisser il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri msemmija fl-Artikolu 21.30 tal-Ftehim;

   (c) "jiem" tfisser jiem kalendarji;

   (d) "Kumitat Konġunt" tfisser il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 22.1 tal-Ftehim;

   (e) "Parti rikjesta" tfisser il-Parti li għaliha tkun indirizzata t-talba għad-dħul fi proċedura ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 21.6 tal-Ftehim;

   (f) "Parti rikjedenti" tfisser il-Parti li titlob biex tidħol fi proċedura ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 21.6 tal-Ftehim; u

   (g) "Regoli ta' Proċedura" tfisser ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel kif issir referenza għalih fl-Artikolu 21.30 tal-Ftehim.

III. **Bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni**

3. Parti tista' titlob fi kwalunkwe waqt, li l-Partijiet jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni. Din it-talba għandha tiġi indirizzata lill-Parti l-oħra bil-miktub. It-talba għandha tkun dettaljata biżżejjed li l-Parti l-oħra tifhem b'mod ċar it-tħassib tal-Parti li titlob il-proċedura ta' medjazzjoni. Fit-talba tagħha, il-Parti rikjedenti għandha tiddeskrivi l-materji inkwisjoni billi:

   (a) tidentifika l-miżura speċifika;

   (b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi allegati li l-Parti rikjedenti temmen li l-miżura għandha, jew ser ikollha, fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet; u

   (c) tispjega r-rabta kawżali bejn il-miżura u l-effetti negattivi fuq il-kummerċ u fuq l-investiment bejn il-Partijiet.

4. Normalment Parti tkun mistennija tagħmel użu minn kwalunkwe kooperazzjoni jew dispożizzjoni ta' konsultazzjoni rilevanti tal-Ftehim qabel ma tindirizza talba bil-miktub lill-Parti l-oħra skont il-paragrafu 3. Għal ċertezza akbar, il-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 21.5 tal-Ftehim mhumiex meħtieġa qabel il-bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni.

5. Il-proċedura ta' medjazzjoni tista' tinbeda biss permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet sabiex jiġu esplorati soluzzjonijiet maqbula b'mod reċiproku u jitqies kwalunkwe parir u soluzzjoni proposti mill-medjatur. Il-Parti rikjesta għandha tagħti konsiderazzjoni simpatetika lit-talba u twieġeb billi taċċettaha jew billi tirrifjutaha bil-miktub fi żmien 10 ijiem mill-wasla tagħha. Jekk il-Parti rikjesta ma twieġibx fi żmien dan il-perijodu ta' żmien, it-talba għandha titqies bħala rifjutata. Id-data tal-irċevuta mill-Parti rikjedenti tar-risposta ta' aċċettazzjoni tal-Parti rikjesta għandha titqies bħal d-data tal-bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni.

IV. **Għażla tal-medjatur**

6. Il-Partijiet għandhom jagħmlu sforz biex jaqblu dwar medjatur mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni.

7. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar il-medjatur fil-perijodu ta' żmien previst fil-paragrafu 6, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, il-kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti rikjedenti, jew in-nominata tagħhom, fi żmien ħamest ijiem mit-talba, għandhom jagħżlu b'votazzjoni, il-medjatur mis-sottolista ta' presidenti stabbilita skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.9 tal-Ftehim. It-talba għandha tiġi kkuppjata lill-Parti l-oħra.

8. L-uffiċċju ddeżinjat mill-Parti rikjedenti skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.25 tal-Ftehim għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-votazzjoni, u għandu jinforma lill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt, minn qabel, dwar id-data, il-ħin u l-post tal-votazzjoni. Il-kopresident mill-Parti rikjesta, jista' jkun preżenti jew jista' jkun irrappreżentat minn persuna oħra meta jsir it-tlugħ bix-xorti. Ir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet jistgħu jkunu preżenti wkoll. F'kull każ, il-votazzjoni ssir bil-Parti jew bil-Partijiet li jkunu preżenti.

9. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-medjatur ma għandux ikun ċittadin ta' ebda waħda mill-Partijiet u lanqas ma għandu jkun impjegat minn waħda mill-Partijiet.

10. Il-medjatur, b'mod imparzjali u trasparenti, għandu jassisti lill-Partijiet biex dawn jiċċaraw il-materja inkwistjoni, inklużi l-effetti possibbli tal-miżura speċifika dwar il-kummerċ jew l-investiment, u l-ilħiq ta' soluzzjoni maqbula reċiprokament.

11. Il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri adottat mill-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 21.30 tal-Ftehim, għandu japplika għall-medjatur *mutatis mutandis*.

V. **Regoli tal-proċedura ta' medjazzjoni**

12. Fi żmien 10 ijiem mid-data li fiha l-medjatur ikun intlaħaq qbil dwaru skont il-paragrafu 6 jew jintgħażel skont il-paragrafu 7, il-Parti rikjedenti għandha tissottometti, bil-miktub, lill-medjatur u lill-Parti rikjesta deskrizzjoni dettaljata tal-materja inkwistjoni, inkluż kif il-miżura speċifika hija applikata jew tiġi applikata u kif taffettwa l-kummerċ jew l-investiment. Fi żmien 20 jum mid-data tal-preżentazzjoni ta' din is-sottomissjoni, il-Parti rikjesta tista' tipprovdi bil-miktub il-kummenti tagħha għad-deskrizzjoni. Fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha, kull parti tista' tinkludi kwalunkwe informazzjoni li tqis rilevanti.

13. Il-medjatur jista' jiddeċiedi dwar l-aktar mod xieraq ta' kif il-materja inkwistjoni tiġi ċċarata, inklużi l-effetti possibbli tal-miżura speċifika dwar il-kummerċ jew l-investiment. Il-medjatur, b'mod partikolari, jista' jorganizza laqgħat bejn il-Partijiet, jikkonsulta lill-Partijiet b'mod konġunt jew b'mod individwali, u jipprovdi kwalunkwe appoġġ addizzjonali mitlub mill-Partijiet. Il-medjatur jista' jfittex ukoll l-assistenza ta', jew jikkonsulta ma', esperti rilevanti u partijiet ikkonċernati wara l-konsultazzjonijiet mal-Partijiet.

14. Il-medjatur għandu jagħmel ħiltu biex joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw is-soluzzjoni proposta jew jistgħu jaqblu rigward soluzzjoni differenti. Il-medjatur ma għandux jagħti pariri jew kummenti dwar il-konsistenza tal-miżura speċifika mal-Ftehim.

15. Il-proċedura għandha sseħħ fil-Parti rikjesta, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

16. Fi żmien 60 jum mid-data li fiha jkun intlaħaq qbil dwar il-medjatur skont il-paragrafu 6 jew intgħażel skont il-paragrafu 7, il-Partijiet għandhom jippruvaw jaslu għal soluzzjoni maqbula reċiprokament. Is-soluzzjoni maqbula reċiprokament għandha tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, jekk Parti titlob dan. Is-soluzzjonijiet maqbula reċiprokament għandhom isiru disponibbli pubblikament, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Il-verżjoni ddivulgata lill-pubbliku ma jistax ikun fiha informazzjoni li Parti tkun iddeżinjat bħala kunfidenzjali. Sakemm tintlaħaq soluzzjoni finali maqbula reċiprokament, il-Partijiet jistgħu jqisu soluzzjonijiet interim possibbli.

17. Wara talba ta' waħda mill-Partijiet, il-medjatur għandu joħroġ lill-Partijiet abbozz ta' rapport fattwali bil-miktub li jipprovdi sommarju fil-qosor ta':

    (a) il-materja inkwistjoni, inklużi l-effetti possibbli tal-miżura speċifika dwar il-kummerċ jew dwar l-investiment;

    (b) il-proċeduri li ġew segwiti;

    (c) il-fehmiet espressi mill-Partijiet, mill-esperti u mill-partijiet ikkonċernati, fejn rilevanti; u

    (d) fejn applikabbli, kwalunkwe soluzzjoni maqbula reċiprokament u soluzzjonijiet interim.

    fi żmien 15-il jum tat-talba għal dan ir-rapport.

    Il-Partijiet jistgħu jikkummentaw dwar l-abbozz tar-rapport fattwali fi żmien 15-il jum mill-ħruġ tiegħu. Wara li jqis il-kummenti sottomessi mill-Partijiet, il-medjatur għandu jissottometti rapport fattwali finali bil-miktub lill-Partijiet fi żmien 30 jum mill-ħruġ tal-abbozz tar-rapport fattwali. Ir-rapport fattwali ma għandu jinkludi l-ebda interpretazzjoni tal-Ftehim mill-medjatur.

18. Il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tintemm:

(a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni maqbula reċiprokament mill-Partijiet, fid-data tal-adozzjoni;

(b) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni;

(c) permezz ta' ftehim reċiproku mill-Partijiet f'kull stadju tal-proċedura, fid-data ta' dak il-ftehim; jew

(d) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub u sostanzjata ta' Parti wara li jiġu esplorati soluzzjonijiet maqbula reċiprokament skont il-proċedura ta' medjazzjoni, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni.

It-terminazzjoni tal-proċedura ta' medjazzjoni hija mingħajr ħsara għall-paragrafu 17.

19. Il-paragrafi 5 sa 9, 15 sa 26, 33, 34, u 42 sa 46 tar-Regoli ta' Proċedura ta' Panel għandhom japplikaw għall-proċedura ta' medjazzjoni, *mutatis mutandis*.

VI. **Kunfidenzjalità**

20. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 16, l-istadji kollha tal-proċedura ta' medjazzjoni, inkluż kull parir jew soluzzjoni proposta, għandhom ikunu kunfidenzjali. Il-medjatur u l-Partijiet għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-medjatur minn Parti jew irċevuta minn kwalunkwe sors ieħor li jkun dežinjat bħala kunfidenzjali. Madankollu, kwalunkwe Parti tista' tiddivulga lill-pubbliku li dik il-medjazzjoni qed isseħħ.

VII. **Relazzjoni għal Proċeduri għas-Soluzzjoni tat-Tilwim oħra**

21. Il-proċedura ta' medjazzjoni hija mingħajr ħsara għad-drittijiet u għall-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu 21 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tal-Ftehim jew skont proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' kwalunkwe ftehim ieħor.

22. Parti ma għandhiex tiddependi fuq jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim oħra skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor, u lanqas ma għandu jiġi aċċettat li panel tqis:

(a) pożizzjonijiet meħuda mill-Parti l-oħra matul il-proċedura ta' medjazzjoni jew informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 13;

(b) il-fatt li l-Parti l-oħra tkun indikat ir-rieda tagħha li taċċetta soluzzjoni għas-suġġett għall-medjazzjoni; jew

(c) pariri mogħtija jew proposti magħmula mill-medjatur.

23. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, medjatur ma jistax iservi ta' arbitru jew membru ta' panel fi proċeduri oħra għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim jew skont kwalunkwe ftehim ieħor li jinvolvi l-istess materja li għaliha jkun medjatur.

VIII. **Perijodi ta' żmien**

24. Kull perijodu ta' żmien imsemmi f'din il-proċedura ta' medjazzjoni jista' jiġi mmodifikat permezz ta' qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

IX. **Kostijiet**

25. Kull parti għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha derivati mill-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' medjazzjoni.

26. Il-Partijiet għandhom jaqsmu b'mod konġunt u ekwu l-ispejjeż derivati minn materji organizzazzjonali, inklużi r-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-medjatur. Ir-remunerazzjoni tal-medjatur għandha tkun ekwivalenti għar-remunerazzjoni tal-arbitri stabbilita fil-paragrafu 4 tar-Regoli ta' Proċedura ta' Panel.

ANNESS IV

KODIĊI TAL-KONDOTTA GĦALL-ARBITRI

I. **Definizzjonijiet**

1. F'dan il-Kodiċi tal-Kondotta:

   (a) "persunal amministrattiv" fir-rigward ta' arbitru, tfisser persuni taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-arbitru, minbarra assistenti;

   (b) "Ftehim" tfisser il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika;

   (c) "arbitru" tfisser membru ta' panel;

   (d) "assistent" tfisser persuna li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza jew tipprovdi assistenza lil dak l-arbitru;

   (e) "kandidat" tfisser individwu li ismu jinsab fil-lista tal-arbitri msemmija fl-Artikolu 21.9 tal-Ftehim;

   (f) "panel" tfisser panel stabbilit skont l-Artikolu 21.7 tal-Ftehim; u

   (g) "proċedimenti" tfisser il-proċedimenti tal-panel.

II. **Provvediment tal-Kodiċi tal-Kondotta**

2. Il-Partijiet għandhom jipprovdu din il-Kodiċi tal-Kondotta lil kull kandidat meta isimhom jiġi inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 21.9 tal-Ftehim.

III. **Prinċipji ta' governanza**

3. Kull kandidat u arbitru għandu josserva standards ta' kondotta għoljin, skont din il-Kodiċi tal-Kondottta, sabiex l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim jiġu ppreservati.

IV. **Obbligi ta' divulgazzjoni**

4. Qabel ma jaċċetta l-ħatra tiegħu bħala arbitru, kandidat mitlub li jservi ta' arbitru għandu jiddikjara kwalunkwe interess, relazzjoni jew materja li aktarx taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li tista' toħloq b'mod raġonevoli dehra ta' mġiba mhux xierqa jew preġudizzju fil-proċedimenti. Għal dan il-għan, għandu jagħmel l-isforzi kollha raġonevoli biex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni u materja bħal dawn, inklużi interessi finanzjarji, interessi professjonali, jew interessi tax-xogħol jew tal-familja.

5. L-obbligu ta' divulgazzjoni skont il-paragrafu 4 huwa obbligu kontinwu u għandu japplika wkoll għal arbitru wara li dan jaċċetta l-ħatra tiegħu. Matul il-proċedimenti, arbitru għandu jiddivulga bil-miktub kwalunkwe informazzjoni ġdida fir-rigward tal-obbligu skont il-paragrafu 4 lill-Partijiet l-aktar kmieni possibbli sabiex dawn isiru konxji tiegħu.

6. Fl-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni, għandha tiġi rispettata l-privatezza personali.

V. **Qadi tad-dmirijiet**

7. Wara l-konferma tal-ħatra tiegħu, arbitru għandu jkun disponibbli biex iwettaq u għandu jwettaq dmirijietu bir-reqqa u b'effiċjenza matul il-proċedura tal-panel, u b'ġustizzja u diliġenza.

8. Arbitru għandu jqis biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċedimenti u li jitqiesu meħtieġa u ma għandu jiddelega d-dmir ta' tali konsiderazzjoni lill-ebda persuna oħra.

9. Arbitru ma għandux jieħu sehem f'kuntatti *ex parte* li jikkonċernaw materji li jkunu qed jiġu kkunsidrati mill-panel fil-proċedimenti.

VI. **Indipendenza u imparzjalità**

10. Arbitru għandu jkun indipendenti u imparzjali, għandu jevita kunflitti ta' interess diretti u indiretti, ma għandux jiġi influwenzat minn interess personali, pressjoni esterna, konsiderazzjonijiet politiċi, l-insistenza tal-pubbliku u l-lealtà lejn Partit jew il-biża' mill-kritika, u għandu jevita li jagħti impressjoni ta' mġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

11. Arbitru ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal obbligi jew jaċċetta ebda benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod ifixkel, jew jidher li jfixkel, it-twettiq xieraq ta' dmirijietu.

12. Arbitru ma għandux juża l-pożizzjoni tiegħu fuq il-panel għall-aġevolament ta' ebda interess personali jew privat u għandu jevita azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li oħrajn huma f'pożizzjoni speċjali biex jinfluwenzawh.

13. Arbitru ma għandux iħalli relazzjonijiet jew responsabbiltajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, personali, familjari jew soċjali, passati jew preżenti, jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu.

14. Arbitru għandu jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju, li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew li jista', b'mod raġonevoli, jagħti impressjoni ta' mġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

15. Kull eks arbitru għandu jevita azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li kellu preġudizzji fit-twettiq ta' dmirijietu jew li ħa vantaġġ mid-deċiżjoni tal-panel fejn ikun serva.

VII. **Kunfidenzjalità**

16. Arbitru fl-ebda ħin ma għandu jiddivulga informazzjoni mhux pubblika dwar, jew li tkun inkisbet waqt, il-proċedura tal-panel li jkun inħatar għaliha. Arbitru ma għandu qatt juża tali informazzjoni biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal ħaddieħor jew biex jaffettwa l-interess ta' ħaddieħor b'mod negattiv.

17. L-ebda arbitru ma għandu jiddivulga d-deċiżjoni tal-panel jew ta' partijiet tiegħu, sakemm id-deċiżjoni ma ssirx disponibbli għall-pubbliku.

18. Arbitru ma għandu qatt jiddivulga d-deliberazzjonijiet ta' panel jew il-fehma ta' xi arbitru, u lanqas ma għandu jagħmel stqarrijiet dwar il-proċedura tal-panel li għalih ikun inħatar jew dwar il-kwistjonijiet diskussi f'tali proċedura.

19. L-obbligi skont il-paragrafi 16 sa 18 għandhom ikomplu japplikaw għal arbitru preċedenti.

VIII. **Obbligi oħrajn**

20. Kandidat jew arbitru għandu jikkomunika materji dwar ksur attwali jew potenzjali ta' dan il-Kodiċi tal-Kondotta liż-żewġ Partijiet għall-konsiderazzjoni tagħhom mill-aktar fis possibbli u fuq bażi kunfidenzjali.

21. Arbitru għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli u xierqa biex jiżgura li l-assistent u l-persunal amministrattiv tiegħu jkunu konxji tal-obbligi tal-arbitri skont il-Partijiet III, IV, VI u VII ta' dan il-Kodiċi tal-Kondotta, u jikkonformaw magħhom.

22. Kull arbitru għandu jżomm rekord u jagħti rendikont finali tal-ħin iddedikat għall-proċedura tal-panel u l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll tal-ħin u tal-ispejjeż tal-assistenti tiegħu.